# DUN KARM U L-INNU MALTI

*Ta'* A.C.

LI ma kienx DUN KARM ma kienx ikollna l-INNU MALTI li għandna l-lum. Min kiteb il-mużika ta' l-INNU MALTI qatt ma kellu f'moħħu li n-noti li ħoloq kellhom ikunu għall-INNU MALTI. Kien DUN KARM li ħassħom li jistgħu joqogħdu bħala talba lis-Sema biex iħares l-Art ta' Malta, biex il-Mulej iżommha taħt il-Barka Tiegħu, biex *jagħti d-dehen li min jaħkimha, irodd il-ħniena lis-sid, saħħa 'l-ħaddiem, iseddaq il-għaqda fil-Maltin u s-sliem.* Huwa li żejjen bi kliem bħal dan dik il-mużika bekk solenni li setgħet wara titgħammed bl-isem ta' mużika ta' l-Innu Nazzjonali Malti.

L-Innijiet ta' nazzjonijiet oħra ma nħolqux bħalma nħoloq l-Innu Nazzjonali Malti, iżda aktarx inħolqu bis-saħħa ta' xi ċirkustanzi storiċi, u ftit huma, ngħidu aħna, dawk li nħolqu b'kumbinazzjoni. In-nisel ta' l-innu ta' xi nazzjonijiet ġie li ma nsibuhx imfakkar fl-istorja jew għallanqas fit-tradizzjoni. Nieħdu l-*God Save The Queen*, in-*National Anthem* Ingliż, li bil-kemm nafu minn kitbu u immużikah, għalkemm jingħad li aktarx kien Dr. John Bull, iżda xi wħud jaħsbu li kien jew Henry Carey jew James Oswald. Fost dawk li nafu li nħolqu minn ċirkustanzi storiċi nistgħu nsemmu l-Innu Franċiż, miktub b'versi u mużika minn Rouget de l'Isle fl-1792, Innu li kien ħa l-isem popolari ta' *Marseillaise* billi kienu kantawh l-ewwel darba t-truppi Masiljiżi huma u deħlin Pariġi, żmien ir-Revoluzzjoni Franċiża.

Aħna ixxurtjati li nafu sewwa kif inħoloq l-Innu Nazzjonali tagħna, iżda għal min ma jafx sewwa, xtaqna li ngħarrfu n-nisel tiegħu, biex b'hekk l-isem ta' DUN KARM jibqa' marbut ma' l-istess innu li Hu tana qabel ma miet.

It-twelid ta' l-Innu Malti kien bla ħsieb, jiġifieri ma kien marbut ma' l-ebda ċirkustanza storika; iżda jekk it-twelid ma kellux id-data storika tiegħu, nistgħu ngħidu li l-ewwel esekuzzjoni tiegħu tibqa' bħala tifkira li hi msensla ma' okkażjoni storika fil-kamp letterarju nazzjonali Malti flimkien ma' l-isem ta' min bħala Poeta Nazzjonali kiteb il-versi tiegħu.

Kien l-Avukat Albert Laferla, li dik il-ħabta kien Direttur ta' l-Iskejjel Elementari tal-Gvern, li dwar l-1922-23 kien kiseb biċċa komposizzjoni mużikali minn għand l-istess awtur tal-mużika, il-Professur Robert Sammut, M.D., wara li dan kien semmagħhielu fuq il-pjanu meta lejla waħda Dr. Laferla kien mar

jagħmillu żjara f'daru. Il-mużika—magħmula bla ebda ħsieb, iżda b'sempliċi kapriċċ ta' mogħdija ta' żmien—kienet ta' ftit noti b'motiv maħluq fuq ton solenni, mużika li laqtet il-widna ta' Dr. Laferla.

Dun Karm Psaila, l-awtur tal-versi ta' l-innu, f'*Leħen il-Malti* ta' l-1947, kien qalilna li Dr. Laferla kien iltaqa' miegħu u, wara li ħareġ mill-but karta bi ftit noti tal-mużika, talbu li mal-motiv ta' dawk in-noti, li kif deherlu kienu ħelwin ħafna, igħaqqadlu xi versi li jkunu jistgħu jitkantaw mit-tfal ta' l-iskola tal-Gvern. Dun Karm Psaila wiegħed lil Dr. Laferla li jfittex li jaqdih kif xtaq u jiktiblu versi mat-ton u motiv tal-mużika.

Kif daħal id-dar, Dun Karm qagħad fuq il-pjanu u daqq kif sata' l-motiv tal-mużika u fittex li jlaqqa' mar-ritmu tal-mużika xi ritmu ta' versi Maltin. Ra li ebda vers ma kien jista' jitqabbel jew għallinqas jitressaq mal-motiv ta' dawk in-noti ħlief il-vers tal-ħdax u billi l-motiv kien qasir, ma kenux jidħlu ħlief tlieta minn dawk il-versi tal-ħdax, li meta ttenni l-istrofa jiġu sitta.

Dun Karm, wara li qagħad jaħseb x'jista' jikteb minn strofa ta' tliet versi u b'replika ta' tlieta oħra—versi li jaqblu mat-ton solenni u ħelu tal-mużika—ġietu bħal leħħa ta' berqa l-idea li jikteb *Innu Nazzjonali* f'għamla ta' talba lil Alla għal Malta.

Għal dik il-ħabta Malta kienet għadha sewwa sew kif għad-diet minn taqliba għall-aħjar fl-istat tal-libertà kostituzzjonali, u għalhekk, il-poeta, wara *li għarrex* (kif igħid hu) fl-antagoniż-mu tal-partiti politiċi, fittex biex b'dawk il-versi *iressaq u jgħaq-qad lil kulħadd f'rabta ta' mħabba reliġjuża u patrijottika.* U fuq dak il-motiv hekk ħelu u solenni fit-ton tiegħu ta' talba 'l Alla għal Malta, li għandha mill-Innu Ingliż għas-saltna tal-Kuruna Ingliża, ħareġ b'dawk is-sitt versi li l-lum bosta mill-Maltin fil-Gżejjer tagħna u ta' barra minn Malta jafu bl-amment.

Fil-komposizzjoni ta' dan l-Innu Nazzjonali hemm ħaġa sin-gulari li ma ssibhiex f'innijiet ta' nazzjonijiet oħra, u din hi li l-versi saru fuq il-komposizzjoni tal-mużika u mhux il-mużika fuq il-komposizzjoni tal-versi. Jiġifieri l-ħsieb ta' l-Innu kien imnebbaħ minn ftit noti li taw lill-Poeta Nazzjonali l-idea li fuq-hom joħloq għalihom in-nota poetika ta' l-Innu Malti.

L-ewwel darba li nstama' dan l-Innu kien f'kunċert Malti li kienet tat l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* fit-Teatru Manoel, is-Sibt, it-3 ta' Frar, 1923, meta daqqitu *s-Soċjetà Mandolinistika tal-Birgu* u kantawh il-Bniet ta' l-Iskola tal-Gvern. F'dan il-kunċert, b'xewqa kbira tad-Direttur ta' l-Iskejjel, kienu ħadu

sehem id-*Dominoes* u l-"*Malta Union of Teachers*". Wara, milli jidher, dak l-Innu dejjem baqa' jinstama' mit-tfal ta' l-Iskejjel tal-Gvern fil-Festa b'tifkira tar-Rebħa ta' l-1565 wara t-taħdita li ssir għal dik l-okkażjoni fejn il-Monument ta-8 ta' Settembru.

Fuq talba ta' l-awtur tal-versi, is-Surmast V. Ciappara kien strumentah għall-banda "King's Own", u fis-sena 1936 kien indaqq mill-istess banda fil-Festa Nazzjonali tat-8 ta' Settembru. Wara daqqitu l-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, fil-Festa tal-Madonna tal-Grazzja. Wara daqqitu wkoll il-Banda tal-"K.O.M.R.", xi baned militari oħra, sakemm ftit ftit dan l-Innu bdew isemmgħuh baned oħra tal-Belt u rħula u ħa xejra popolari mal-Gżira kollha.

L-Innu Malti ittraduċietu bl-Ingliż Miss May Butcher u deher mat-test oriġinali Malti stampat fit-*Times of Malta*. L-Innu deher ukoll f'edizzjoni sabiħa maħruġa f'Lixandra ta' l-Eġittu mill-"Għaqda Maltija għat-Tixrid tal-Malti".

Xi snin ilu l-Gvern iddikjarah uffiċjalment bħala Innu Nazzjonali u b'hekk qed jindaqq f'kull programm pubbliku mużikali flimkien ma' l-Innu Ingliż "God Save the Queen".